MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2008

Numru 1152/2005

**L-AWTORITA' TAD-DJAR**

**vs**

Yvonne **ATTARD**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-5 ta' Diċembru, 2005, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-Awtorita' attriċi talbet li din il-Qorti (a) issib li l-imħarrka għamlet dikjarazzjoni falza jew mhux korretta u b'hekk kisret il-kundizzjonijiet tal-Iskema maħruġa fil-Gażżetta tal-Gvern tas-27 ta' Ġunju, 1995, li biha l-istess imħarrka ngħatat sussidju biex kisbet b'xiri post fejn kienet toqgħod b'kirja; u (b) tordna lill-imħarrka trodd lura l-imsemmi sussidju fis-somma ta' sebat elef tliet mija u sittin lira Maltija (Lm 7,360)[1] li ngħatalha bla ma kienet tistħoqqu. Talbet ukoll l-

[1] Li jġibu € 17,144.19 fi flus tal-lum

imgħaxijiet minn dak inhar li sar il-kuntratt fi Frar tal-1997, u l-ispejjeż tal-kawża;

Rat id-degreit tagħha tat-12 ta' Diċembru, 2005, li bih ordnat in-Notifika tal-Att lill-imħarrka u tat direttivi lill-Awtorita' attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrka fil-5 ta' Jannar, 2006, li bih laqgħet għat-talbiet attriċi, preliminarjament, bl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għall-finijiet tal-artikolu 2167 (*sic*), u, fil-mertu, billi hija ċaħdet li qatt għamlet dikjarazzjoni falza jew mhux korretta;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Marzu, 2006, li bih qiegħdet il-kawża fuq il-lista ta' kawżi ta' qabel is-Seduta (*pre-trial*) taħt it-tmexxija tal-Assistent Ġudizzjarju tagħha l-Avukat Maria Dolores Gauċi;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqin mill-partijiet quddiem l-imsemmija Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Novembru, 2006, li bih qiegħdet il-kawża għas-smigħ tas-17 ta' Jannar, 2007;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-17 ta' Jannar, 2007[2], li bih u fuq talba tal-avukati tal-partijiet ħalliet il-kawża għal data oħra minħabba li kienu qegħdin isiru taħdidiet bejnj il-partijiet bil-ħsieb li jaslu fi ftehim barra l-Qorti;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-12 ta' Ġunju, 2007, li fih l-avukat tal-Awtorita' attriċi għarraf lill-Qorti li, minkejja li kien tħejja abbozz ta' ftehim, l-imħarrka kienet naqset li tiffirmah;
Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-Awtorita' attriċi;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Ġunju, 2007[3], li bih tat żmien lill-imħarrka biex tressaq is-sottomissjonijiet tagħha b'Nota;

---

[2] Paġ. 91 tal-proċess
[3] Paġ. 93 tal-proċess

Rat li, minkejja ż-żmien mogħti, l-imħarrka naqset li tressaq is-Sottomissjonijiet tagħha;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-31 ta' Ottubru, 2007, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għar-radd lura ta' benefiċċju li ttieħed bla mistħoqq. L-Awtorita' attriċi kienet laqgħet talba magħmula mill-imħarrka biex tgħinha fix-xiri ta' dar li kienet toqgħod fiha billi tatha somma flus bħala sussidju biex tkopri parti mill-prezz ta' dak ix-xiri. Dak is-sussidju kien mogħti taħt kundizzjonijiet li l-imħarrka – bħal kull min jibbenefika mill-iskemi ta' sussidju li jitfasslu minn żmien għal żmien – ntrabtet li tħares. L-Awtorita' attriċi tgħid li l-imħarrka kisret waħda minn dawn il-kundizzjonijiet meta iddikjarat li hija qatt qabel ma kienet ibbenefikat minn xi skema ta' sussidju meta dan ma kienx minnu. L-Awtorita' attriċi tgħid li fis-sewwa, xi snin qabel, l-imħarrka kienet ħadet vantaġġ minn skema ta' sussidju maħruġa minnha u għalhekk qegħda titlobha trodd lura l-benefiċċju li ħadet bi ksur ta' dik il-kundizzjoni;

Illi l-imħarrka ttenni li hija qatt ma ħadet jew talbet sussidju u tiċħad li hija qarrqet jew li b'xi mod tat tagħrif ħażin. Tgħid, għalhekk, li m'għandha għalfejn trodd xejn lura minn dak li ngħatat. L-imħarrka tqanqal ukoll l-eċċezzjoni li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li f'Marzu tal-1984[4], l-Awtorita' attriċi kienet tat lil wieħed Joseph Attard b'titolu ta' enfitewsi għal dejjem biċċa art f'Ħal Tarxien, magħrufa bħala Plot 71, fi triq ġdida mingħajr isem, biex jibniha taħt il-patti u l-kundizzjonijiet imfissrin fl-istess kuntratt, u b'għajnuna ta' self maħruġ mill-istess Awtorita'. L-imsemmi Joseph Attard kien ir-raġel tal-imħarrka. F'Ġunju tal-1995[5], l-Awtorita' attriċi kienet nediet skema

[4] Dok "D", f'paġġ. 25 sa 31 tal-proċess
[5] Dok "A", f'paġġ. 5 sa 13 tal-proċess

maħruġa taħt l-Att tal-1988 biex Iħajjar Persuni jsiru Sid Darhom[6]. Xi żmien wara, f'Mejju tal-1996[7], l-imħarrka ressqet it-talba tagħha taħt l-imsemmija skema dwar ix-xiri tal-post li kienet qegħda tgħix fih b'kirja dak iż-żmien[8]. It-talba tagħha ntlaqgħet. Dak iż-żmien, l-imħarrka kienet qegħda toqgħod fil-post (appartament) numru 8, Bieb 9, Blokk 10, Triq il-Gardenja, Santa Luċija. B'kuntratt tal-31 ta' Jannar, 1996[9], l-imħarrka u żewġha kienu fdew iċ-ċens li kien jgħabbi l-post li nbena f'Ħal Tarxien, u f'dan il-każ ukoll, parti mill-prezz tal-fidi tħallas bis-saħħa ta' skema ta' għajnuna finanzjarja maħruġa mill-Awtorita' attriċi;

Illi l-imħarrka u żewġha Joseph għamlu kuntratt ta' firda personali minn xulxin fit-2 ta' Mejju, 1996[10]. F'dak il-kuntratt (fost ħwejjeġ oħra), l-imħarrka assenjat sehemha mill-post ta' Ħal Tarxien lil żewġha. Fit-13 ta' Frar, 1997[11], l-Awtorita' u l-imħarrka ippubblikaw il-kuntratt mertu ta' din il-kawża. F'Awissu tal-2000, l-Awtorita' bagħtet ittra uffiċjali lill-imħarrka. F'Diċembru tal-2005 infetħet din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ, quddiem il-Qorti hemm waħda li tikkonċerna punt preliminari, u l-oħra fil-mertu. Tal-ewwel hija eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, li l-Qorti jeħtiġilha tqis mill-ewwel qabel tara jekk għandhiex tgħaddi biex tistħarreġ il-każ fil-mertu;

Illi l-Qorti tqis li l-**eċċezzjoni tal-preskrizzjoni** mqanqla mill-imħarrka għandha titwarrab minnufih. L-imħarrka tgħid li l-azzjoni attriċi waqgħet billi "hija preskritta ai termini tal-artikolu 2167". Ladarba ma hemm l-ebda artikolu bħal dak fl-ebda waħda mil-liġijiet fis-seħħ f'Malta, u ladarba jaqa' fuq min jeċepixxi l-preskrizzjoni li jgħid liema hija tassew il-preskrizzjoni li qiegħed jinvoka, jiġi li l-eċċezzjoni m'hija bl-ebda mod mistħoqqa. M'huwiex xogħol il-Qorti li toqgħod tara liema kienet il-preskrizzjoni applikabbli għall-każ, jekk min qanqal l-eċċezzjoni naqas

---

[6] Att XXVIII tal-1998 (Kap 328 tal-Liġijiet ta' Malta)
[7] Affidavit ta' Carmen Azzopardi, Dok "CA", f'paġ. 49 tal-proċess
[8] Dok "Ċ", f'paġġ. 20 – 4 tal-proċess
[9] Dok "E", f'paġġ. 32 – 5 tal-proċess
[10] Dok "AA", f'paġġ. 42 – 6 tal-proċess
[11] Dok "B", f'paġġ. 14 – 9 tal-proċess

hu milli jagħmel il-parti tiegħu u jfisser u jipprova dak li jallega;

Illi għalhekk, il-Qorti m'hijex sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrka;

Illi għal dak li jirrigwarda l-istħarriġ **tal-azzjoni attriċi fil-mertu**, jidher li l-Awtorita' attriċi qegħda tibni l-każ tagħha fuq ksur ta' rabta kuntrattwali min-naħa tal-imħarrka u r-radd lura ta' dak li ngħata lill-istess imħarrka bla ma kellha jedd għalih. F'dan il-każ, il-Qorti ssib li l-azzjoni attriċi tissejjes fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1021, 1023 u 1147(1) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi l-artikolu 1021 tal-Kodiċi Ċivili irid li "kull min jirċievi, sew xjentement jew bi żball, ħaġa li hu ma kellux jieħu la taħt obbligazzjoni ċivili lanqas naturali, għandu jroddha lil dak li mingħandu jkun irċeviha bla jedd". Imbagħad l-artikolu 1023 jgħid li "(1) Dak li mingħajr jedd ikun irċieva l-ħlas ta' somma ta' flus għandu, jekk ikun għamlu b'mala fidi, irodd sew il-kapital kemm ukoll l-imgħaxijiet minn dak inhar tal-ħlas. (2) Iżda jekk ikun għamlu b'bona fidi, mhux obbligat irodd ħlief il-kapital biss". L-artikolu 1147(1) jipprovdi li "Kull ħlas jissopponi dejn, u dak li jitħallas bla ma jkollu jingħata, jista' jintalab lura". Din l-aħħar dispożizzjoni titqies li tgħodd għall-każ ta' indebitu oġġettiv;

Illi l-każ li l-Qorti għandha quddiemha jirreferi għal dak l-indebitu oġġettiv[12] li jitfisser bħala "*ex re*", jiġifieri fejn il-ħlas ikun sar meta min ħallas (f'dan il-każ, l-Awtorita' attriċi) ma kellu l-ebda raġuni li torbtu jagħmel dan, jew għaliex qatt ma kien hemm ir-rabta li jsir il-ħlas (*condictio indebiti sine causa*) jew għaliex dik ir-rabta ntemmet qabel laħaq sar il-ħlas (*condictio ob causam finitam*). Ir-regola tal-liġi dwar ir-radd lura ta' dak li jkun ingħata bla mistħoqq tibqa' tgħodd minkejja li min irċieva l-ħlas kien jemmen li kellu jedd għalih, għaliex il-mala fidi ta' min ikun irċieva l-ħlas tgħodd biss biex wieħed iqis kemm għandu jrodd lura lil dak li jkun wettaq il-ħlas[13];

---

[12] Ara A. Torrente _Manuale di Diritto Privato_ (Giuffre', 9[a.] Ediz,) § 386, paġġ. 632 – 3
[13] P.A. GCD **26.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Accountant General et vs Frances Aġius***

Illi, għalhekk, tkun mistħoqqa wkoll l-azzjoni għar-radd lura tal-ħlas indebitu fejn jirriżulta li l-ftehim li bis-saħħa tiegħu ikun sar ħlas bħal dak ikun, għal xi raġuni maħsuba fil-liġi, null jew b'mod ieħor vizzjat[14]. Kemm hu hekk jinsab imfisser li "*L'azione di ripetizione d'indebito oggettivo, in quanto ha per unica effettiva base l'assoluta inesistenza dell'obbligazione che il solvens ha materialmente adempiuta col pagamento non dovuto, non e` in sostanza che un'azione di nullita` per mancanza di causa, che ha per presupposto la mancanza dell'accipiens del diritto di acquistare il bene o il valore patrimoniale trasmessogli dal solvens, prescinde dal verificarsi del danno ed ha natura autonoma e principale*"[15]. Fuq kollox, azzjoni bħal din hija waħda personali li tista' ssir biss kontra dik il-persuna li mingħandha jintalab ir-radd lura tal-ħlas imwettaq[16];

Illi biex isseħħ l-azzjoni tal-ħlas lura tal-indebitu jeħtieġ li jirriżultaw flimkien tliet elementi jiġifieri: (a) il-ħlas, (b) in-nuqqas tal-kawża għal dak il-ħlas u (ċ) l-iżball ta' min wettaq il-ħlas, u dan għaliex jekk min ħallas kien jaf li ma kienx hemm għalfejn iħallas, wieħed għandu jqis li kellu f'moħħu li jagħmel att ta' liberalita'[17]. Jekk kemm-il darba jonqos xi wieħed minnhom, l-azzjoni taqa'[18]. Iżda fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu 1147 tal-Kodiċi Ċivili, hemm il-fehma li lanqas huwa meħtieġ li s-*solvens* jipprova l-iżball fejn l-indebitu ikun wieħed oġġettiv[19]. F'dak il-każ, jaqa' fuq il-parti attriċi li tipprova biss il-ħlas u kif ukoll l-ineżistenza tal-kawża li wassalha biex tagħmel dak il-ħlas;

Illi minħabba li l-għan ta' din l-azzjoni huwa wieħed li jintegra l-patrimonju ta' min ikun ħallas bla ma kellu għalfejn, hemm fehma li dik l-azzjoni ma tistax tirnexxi

---

[14] Cass. **6.10.1976**, nru. 3303 u Kumm. **11.4.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech vs Abela*** (Kollez. Vol: **XLV.iii.782**)
[15] Cass. **30.12.1970,** nru. 2748
[16] Caruana Galizia <u>Notes on Civil Law – Of Obligations</u>, paġ. 309
[17] P.A. PS **16.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Korporazzjoni Enemalta vs Renato Sacco***
[18] Ara P.A. **25.5.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Bianco vs Pellegrini Petit*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.483**)
[19] P.A. PS **12.10.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Galea vs Grace Borġ*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-**29.2.2008)**

jekk kemm-il darba min jippretendi r-radd lura ta' ħlas minnu magħmul ikun diġa' b'xi mod ieħor tħallas lura[20];

Illi **dwar il-prova tal-ħlas**, l-Awtorita' seħħilha turi li hija tassew ħallset lill-imħarrka s-somma li issa qegħda tintalab trodd lura. Din il-prova toħroġ mill-kuntratt innifsu. L-imħarrka ma tiċħadx lanqas li hija rċeviet dik l-għajnuna finanzjarja fl-ammont sħiħ tagħha;

Illi **dwar jekk l-imħarrka iddikjaratx ħaġa b'oħra**, meta wieħed jgħarbel il-provi li jirriżultaw mill-atti ta' din il-kawża, wieħed isib li meta l-imħarrka kienet applikat biex tingħata l-għajnuna skond l-Iskema, kienet intrabtet b'dikjarazzjoni, li hija qatt qabel ma kienet gawdiet jew ibbenefikat minn xi għamla ta' għajnuna oħra li l-Awtorita' attriċi kienet tat taħt xi Skema oħra. L-imħarrka reġgħet tenniet din il-wegħda meta iffirmat il-kuntratt mertu tal-kawża fil-klawsola tlieta (3) tiegħu. B'mod partikolari, il-klawsola tad-dikjarazzjoni (fl-applikazzjoni) tirreferi għall-Iskemi pubblikati fil-ħarġiet tal-Gażżetta tas-6 ta' Jannar, 1987, 20 ta' Frar, 1987, u tas-16 ta' Frar, 1988. Billi dawn huma Skemi kollha tfasslu bis-saħħa tal-Att tal-1988 (Kap 328), ma jistgħux ikunu qegħdin jirreferu għall-Iskema li taħtha l-imħarrka u żewġha kienu ibbenefikaw fil-kuntratt ta' enfitewsi tat-8 ta' Marzu, 1984. Mela, skond din il-lista ta' Skemi, l-imħarrka ma għamlet l-ebda dikjarazzjoni qarrieqa meta qalet li hija ma kinitx ibbenefikat minn sussidju;

Illi, iżda, l-istess klawsola ssemmi wkoll xi Avviżi Lokali u tirreferi wkoll għal "*xi għajnuna oħra biex persuni jiġu mħajra jsiru sid darhom mid-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali jew mid-Dipartiment ta' l-Art*". L-Awtorita' attriċi[21] tgħid li din il-klawsola tgħodd għal kull għajnuna li ngħatat taħt l-iskema tal-*Home Ownership* f'kull żmien. Tressqu wkoll provi dokumentali li juru li din il-klawsola tassew tirreferi għal **kull** skema ta' *Home Ownership* maħruġa f'**kull** żmien[22]. F'każ bħal dan, jiġi li meta żewġ l-imħarrka deher fuq il-kuntratt ta' enfitewsi tal-

[20] P.A. RCP **2.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paolo Bonniċi Ltd. vs il-Kontrollur tad-Dwana***
[21] Ara affidavit ta' Carmen Azzopardi, Dok "F", f'paġ. 36 tal-proċess
[22] Ara d-Dokti f'paġġ. 50 sa 64 tal-proċess

1984, dan kien qiegħed jibbenefika minn skema ta' *Home Ownership* għax il-kuntratt innifsu jgħid dan. Isegwi wkoll li dak il-benefiċċju kien wieħed li dwaru l-imħarrka kienet mitluba tiddikjara li qatt ma ħadet għajnuna meta ressqet l-applikazzjoni tagħha biex tixtri l-post ta' Santa Luċija. F'dan il-każ, jiġi li d-dikjarazzjoni li għamlet l-imħarrka ma taqbilx mas-sewwa;

Illi l-imħarrka tgħid li dik l-għotja ta' enfitewsi fl-1984 saret lil żewġha u mhux lilha, u għalhekk hija ma ngħatat l-ebda għajnuna. Il-Qorti tqis li dan l-argument huwa biss logħob bil-kliem. Fl-ewwel lok, il-wegħda li għamlet l-imħarrka fl-1996 meta applikat għall-għajnuna biex tixtri l-post li kienet toqgħod fih, kienet tagħmilha ċara li l-ebda benefiċċju ma kien ittieħed mill-applikant innifsu jew minn żewġha[23]. Fit-tieni lok, meta ngħatat il-konċessjoni enfitewtika fl-1984 (meta l-imħarrka kienet diġa' miżżewġa lill-konċessjonarju), il-liġi kienet tagħti l-jedd lir-raġel waħdu li jidher f'isem il-komunjoni, iżda b'daqshekk, il-mara (l-imħarrka) ibbenefikat daqsu mill-imsemmija konċessjoni enfitewtika u mill-għajnuna fi flus li l-Awtorita' tathom biex jiksbu l-art u jibnuha. Fit-tielet lok, meta l-imħarrka nfirdet minn ma' żewġha, fuq il-kuntratt jissemma espressament li hija ngħatat somma flus bħala korrispettiv tat-trasferiment lilu ta' sehemha mill-imsemmi post ta' Ħal Tarxien;

Illi jirriżulta wkoll li, bejn id-data meta hija ressqet l-applikazzjoni għall-għoti tal-għajnuna (f'Mejju tal-1996) u d-data meta sar il-kuntratt (fi Frar tal-1997), l-istess imħarrka kienet dehret fuq kuntratt li bih hija u żewġha kienu fdew iċ-ċens li kien jgħabbi l-post li huma kienu ħadu (ukoll taħt skema ta' sussidju) fl-1984. F'dak il-kuntratt, jissemma li l-fidi kien qiegħed isir b'sussidju taħt Skema ippubblikata mill-Awtorita' attriċi fil-ħarġa tal-Gażżetta tad-29 ta' Awissu, 1995;

Illi l-imħarrka tqanqal id-difiża li hija kienet avżat lill-Awtorita' biċ-ċirkostanzi tagħha u ta' żewġha ukoll dwar il-konċessjoni enfitewtika tal-1984[24]. Il-Qorti ssib li dik id-

---

[23] Klawsola 3(2)(a) tal-Iskema, f'paġ. 6 tal-proċess
[24] Xhieda tagħha 6.6.2006, f'paġġ. 77 sa 81 tal-proċess

difiża ma hix ta' għajnuna għall-imħarrka. Fl-ewwel lok, hija verżjoni kontradetta mill-Awtorita' attriċi[25]. Fit-tieni lok, il-fatt li l-imħarrka tgħid li hija avżat lill-Awtorita' b'dawn iċ-ċirkostanzi juri li, allura, hija kienet tagħraf li tassew li f'xi żmien kienet diġa' ibbenefikat hija wkoll minn għajnuna finanzjarja li ma kinitx tintitolaha li terġa' tibbenefika;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, dawn iċ-ċirkostanzi kollha juru li l-imħarrka kienet taf sewwa li meta iddikjarat li qatt qabel ma kienet ibbenefikat minn xi għajnuna finanzjarja maħruġa mill-Awtorita' attriċi taħt xi Skema tagħha skond l-Att kienet qegħda tagħmel dikjarazzjoni li m'għandhiex mis-sewwa. Għalhekk, fit-termini tal-Klawsola tlieta (3) tal-kuntratt, hija għandha titlef il-benefiċċju tal-għajnuna finanzjarja mogħtija bis-saħħa tal-istess kuntratt. Dan ifisser ukoll li hija daħlet għall-imsemmi kuntratt b'mala fidi;

Illi għalhekk, l-imħarrka għandha trodd lura kull somma li rċeviet b'għajnuna jew sussidju u, ladarba ma kinitx b'bona fidi, trid trodd ukoll l-imgħax legali b'seħħ minn dak inhar li ngħatat l-għajnuna finanzjarja, kif irid l-artikolu 1023(1) tal-Kodiċi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt li **tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrka bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-imħarrka kisret il-kundizzjonijiet tal-Iskema ta' sussidji maħruġa mill-Awtorita' attriċi fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tas-27 ta' Ġunju, 1995, billi għamlet dikjarazzjoni li ma taqbilx mas-sewwa, li minħabba fiha tilfet kull benefiċċju li hija kienet intitolata għalih skond l-imsemmija Skema;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrka tħallas lill-Awtorita' attriċi s-somma ta' sbatax-il elf mija u erbgħa u erbgħin euro u dsatax-il (euro) ċenteżmi (€

[25] Xhieda ta' Victor Sciberras Grioli 6.6.2006, f'paġġ. 73 – 6 tal-proċess

17,144.19), rappreżentanti l-ammont ta’ sussidju mogħti lill-imħarrka fil-kuntratt tat-13 ta’ Frar, 1997, flimkien mal-imgħaxijiet legali b’seħħ minn dak inhar tal-kuntratt sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tikkundanna** lill-imħarrka tħallas ukoll l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------